# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

## Is-SEBA’ LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 104/7

It-Tlieta 26 ta’ Ġunju 2018

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa’ fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88 Triq Raymond Caruana, il-Gudja fis-6.00 ta’ filgħaxija.

PREŻENTI:

John Mary Calleja – Sindku
Romeo Baldacchino – Viċi Sindku
Mark Anthony Sammut – Kunsillier
George Fenech – Kunsillier

Sarah Camilleri – Ambaxxatriċi għaż-żgħażagħ

ASSENTI b’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Stefan Caruana – Kunsillier

ASSENTI

Nil

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv
Joseph M Formosa – Uffiċjal

AĠENDA

104.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;

104.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (103/7 [23/05/18]);

104.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

104.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

104.5 Rapporti;

104.6 Pubblikazzjoni tal-ktieb 'Omm ta' Bosta Wlied 2' – progress;

104.7 Monument tal-Gudja – progress;

104.8 Bye law dwar il-parkeġġ ġewwa l-Gudja – progress;

104.9 Fondi – Miżura 4.3 – Toroq rurali – aġġudikazzjoni u approvazzjoni tar-rapport u l-kuntrattur

104.10 Bicycle rack

104.11 Jum il-Gudja 2018 - programm

104.12 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

104.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

-----------------------------------------------------------

# Minuti

## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku s-Sur John Mary Calleja ppresieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-6.05pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

**104.1.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

104.1.1 Il-Kunsill ġie infurmat li l-Kunsillier is-Sur Caruana informa lill-Kunsill li minħabba impenji oħra li ma setax jevita, huwa ma setax jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill u talab li jkun skużat. Il-Kunsill b'mod unanimu qabel u ddeċieda li s-Sur Caruana għandu jiġi skużat għal kull buon fini tal-proċedura, speċjalment dik ta' pagament lill-Kunsilliera, din l-assenza approvata ma għandhiex itellef jew tnaqqas il-pagament kif stabbilit.

**104.2.0 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (103/7 [23/05/18])**

104.2.1 Dawn il-minuti li ġew iċċirkulati għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa ġew meħuda bħala moqrija b'mod unanimu.

Is-Sindku ppropona u l-Viċi Sindku ssekondat li dawn il-minuti 103/7 tat-23 ta' Mejju 2018 jiġu approvati. Dawn il-minuti ġew approvat nem con.

104.2.2 Punti li tqajmu mill-minuti 103/7.

Tema 103.8.0 - Bye-law dwar il-parkeġġ ġewwa l-Gudja – progress. Il-laqgħa speċifika sejra ssir fit-03 ta' Lulju 2018 fis-6.00pm kif fil-fatt ġie avżat fil-gazzetti u skont proċeduri stabbiliti.

**104.3.0 Komunikazzjoni mis-Sindku**

104.3.1 Laqgħa mas-Sur Johann Buttigieg, mal-Perit Vince Cassar u ma' uffiċjali oħra għolja tal-Awtorità tal-Ippjanar dwar il-permess tal-iżvilupp tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, speċjalment dwar klawsola tal-*planning gain*.

Is-Sindku qal li nhar l-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018 fit-3.00pm huwa flimkien mal-Kunsillier is-Sur Fenech kellu laqgħa kif hawn indikata dwar li l-impatt negattiv ta' dan l-iżvilupp sejjer ikun wisq aktar fuq il-Gudja milli fuq postijiet oħra kif stabbilit mill-istess PA.

Is-Sindku qal li flimkien mas-Sur Fenech huma saħqu li sa żmien ilu l-Kunsill kien għamel rappreżentazzjonijiet dwar l-effetti negattivi ta' dan l-iżvilupp fuq il-Gudja kif ukoll fuq il-ħajja tal-komunità Gudjana.

Is-Sindku fakkar li sa żmien ilu l-Kunsill kien qal lill-PA li l-Kunsill kellu jingħata wkoll kumpens xieraq dwar Sky Park. Is-Sindku qal li ma kienx hemm kumpens anke dwar fondi tal-UIF peress li l-MIA kienet qalet dak iż-żmien li għandha parkeġġ biżżejjed u għalhekk ma kienx hemm fondi ta' UIF.

Is-Sindku qal li l-PA issa insistiet li dak li ġie deċiż dwar il-*planning gain* għall-iżvilupp ġdid mill-MIA għandu jibqa' l-istess u mhux sejjer jiġi mibdul.

Minkejja din id-deċiżjoni, is-Sur Buttigieg qal li l-PA kienet qiegħda tistieden lill-Kunsill sabiex jippreżenta proġetti ta' fejda għall-Gudja u l-komunità tal-Gudja. Il-PA kienet lesta li tagħmel evalwazzjoni xierqa ta' dawn il-proġetti u tkun lesta li tagħmel finanzjament kif ikun meħtieġ.

Il-Kunsill qabel li għandu jaħdem dwar dan bil-għan li jippreżenta proġetti li jkunu eliġibbli għal dan il-finanzjament u li jkunu ta' fejda għall-komunità kollha tal-Gudja u li r-residenti tal-Gudja jkollhom ħajja aħjar.

104.3.2 Żvilupp ta' xogħol ta' riġenerazzjoni fi Ġnien R. Caruana. Is-Sindku informa lill-Kunsill li huwa kien aċċetta li jkollu laqgħa mal-uffiċjali għolja tad-Dipartiment tax-Xogħol u Infrastruttura fosthom il-Perit Anne Casha sabiex il-Kunsill ikollu aktar tagħrif kif kien sejjer jitwettaq ix-xogħol issa li ħareġ il-permess mill-PA kif kien meħtieġ.

104.3.3 Toqba fi Triq San Ċiru, il-Gudja. Is-Sindku qal li rriżulta li din it-toqba mhux bokka ta' xi xelter iżda ħofra kemxejn fonda li ġiet kawżata peress li l-iżviluppatur ma rifidx tajjeb il-parti tat-triq meta bena l-pedamenti ta' din il-binja li ilha fi stat mitluq għal xi 5 snin.

Is-Sindku qal li jidher li ma kienx hemm radam biżżejjed u għalhekk it-triq sfrundat.

Saret diskussjoni dwar ir-responsabiltà tas-sid ta' din is-sit ta' kostruzzjoni u qabel u ddeċieda li jieħu passi kontra dan is-sid u kuntrattur sabiex jagħmel tajjeb u jsewuw l-ħsarat mill-aktar fiss għaliex din il-ħofra hija ta' periklu u toħloq riskju serju għal kull min jiffrekwenta dawn l-inħawi.

104.3.4 Jum il-Gudja – 15 ta' Lulju 2018. Il-Kunsill ikkonsidra l-abbozz tal-programm u s-Sindku ta tagħrif u spjegazzjoni dwar it-temi ta' attivitajiet imsemmija fil-programm.

Programm t'attivitajiet:
It-Tlieta 10 ta' Lulju – fid-9.30am - Tqassim ta' kotba lit-tfal li deħlin l-ewwel darba l-kindergarten 18/19 quddiem il-Librerija G. Zammit
It-Tlieta 10 ta' Lulju – fis-7.00pm - Tnedija tal-ktieb 'Omm ta' Bosta Wlied 2', ktieb ta' storja u kultura fuq il-Gudja, miġbura minn Bertram Portelli bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Gudja, fit-Teatru Grieg Ġnien Raymond Caruana. F'din is-serata se jkun hemm ukoll qari ta' siltiet mill-ktieb, poeżiji u aspetti mużikali.
L-Erbgħa 11 ta' Lulju – fis-7.00pm - Terramaxka – Isma' u Aqta'. Kompetizzjoni dwar diski Maltin fit-Teatru Grieg fi Ġnien Raymond Caruana mtella' mill-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ. Gruppi ta' mhux aktar minn 3 persuni jistgħu jinkitbu fl-uffiċċju tal-Kunsill jew mill-paġna ta' Facebook.
Il-Ħamis 12 ta' Lulju - Ħarġa għal Għawdex
Il-Ħadd 15 ta' Lulju – Jum il-Gudja - Fl-10.00am – Quddiesa ta' Radd il-Ħajr fil-Knisja Arċimatriċi u Arċipretali tal-Gudja bis-sehem tal-Għaqdiet kollha tal-Gudja. Wara jsir it-tqegħid tal-fjuri fuq il-Monument tal-Gwerra biswit il-Knisja. Fit-8.00pm – Bidu tal-Lejla Gudjana fi Triq San Mark b'talent lokali Gudjan mill-grupp ta' Iona Dalli kif ukoll ta' kantanti oħra stabbiliti fosthom Raymond Suda, Rebecca Bilocca u Joe Demicoli.
Wara se jsiru l-preżentazzjonijiet ta' tifkira lill-kunsilliera kollha sa mill-bidu tal-Kunsill Lokali tal-Gudja fl-okkażjoni tal-għeluq tal-25 sena mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali f'Malta.

Il-Kunsill qabel li minħabba ċirkostanzi li f'Jum il-Gudja 15 ta' Lulju 2018 kien sejjer jaħbat il-final tal-World Cup, il-quddiesa u tqegħid tal-fjuri fuq il-monument tal-vittmi tal-Gwerra sejjer isir filgħodu u l-programm ikompli filgħaxija f'Lejla Gudjana bil-kollaborazzjoni mal-Parroċċa fil-programm tal-Lejla Sajfija.

Is-Sindku qal li kienu għadhom qegħdin isiru tħejjijiet sabiex jinġiebu xi żewġ kantanti stabbiliti oħra għal din i-serata ta' Lejla Gudjana.

104.3.5 Preżentazzjoni ta' siġar u kotba lit-tfal mis-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali s-Sur Silvio Parnis. Is-Sindku qal li din kienet attività ta' suċċess

speċjalment li fiha dawk li pparteċipaw, kemm tfal, ġenituri u anke nanniet setgħu japprezzaw il-ħidma tal-Kunsill dwar l-ambjent u s-siwi tal-qari.

Kemm l-Onor. Parnis kif ukoll dawk kollha preżenti faħħru l-ħidma tal-Kunsill f'dan il-qasam tal-ambjent u s-siwi tal-qari.

104.3.6 Stedina lill-Arċipriet Norman Zammit. Is-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsilliera kollha preżenti qablu li jistiednu lill-Arċipriet għal-laqgħa kordjali sabiex kemm il-Kunsill kif ukoll l-Arċipriet sabiex naqsmu xi ħsibijiet dwar il-possibilità ta' pjan ta' ħidma konġunta li jkun ta' fejda għall-Gudja u l-komunità kollha tal-Gudja.

104.3.7 Etenders – Miżura 4.3. Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar il-proċess ta' evalwazzjoni u għażla tal-kuntrattur dwar ix-xogħol ta' dan il-proġett u li sejjer jiġi ffinanzjat sa 90% minn fondi Ewropej u 10% koofinanzjament u fondi tal-Kunsill.

Ir-rapport ta' evalwazzjoni juri li l-offerta aktar vantaġġjuża hija dik tal-kuntrattur Impressa Salvatore Cassarino.

Il-Kunsill qabel li dan ir-rapport ta' evalwazzjoni jiġi mehmuż u jifforma parti minn dawn il-minuti.

Issa jmiss it-termini ta' 10 ijiem għal xi possibilità ta' xi oġġezzjoni dwar l-għażla tal-kuntrattur.

Jekk wara dawn it-termini ma jkunx hemm oġġezzjoni jew appell kif kontemplat fil-proċedura stabbilità, il-Kunsill ikun jista' jimxi bil-proċedura dwar il-kuntratt tat-toroq rurali inkluż *resurfacing* mal-kuntrattur dwar il-proġett dejjem skont il-proċedura meħtieġa u maqbula mal-Paying Agency.

104.3.8 Proġett fi Triq iż-Żebbuġa, il-Gudja. Is-Sindku informa lill-Kunsill illi sar dan is-*survey* kif ġew infurmati l-Kunsilliera. Issa jmiss li jkun hemm BOQ tal-materjal li jirrispetta l-ambjent tal-madwar. Il-Kunsill qabel li jkompli bil-preparazzjoni għall-ħruġ ta' tender kif meħtieġ.

Il-Kunsill qabel ukoll li jkompli jesplora l-possibiltà li dan il-proġett isir taħt l-awspiċju tal-awtorità ġdida dwar it-toroq ta' Malta u b'hekk il-Kunsill jista' jkollu finanzjament jew parti mill-finanzjament ta' dan il-proġett tant meħtieġ għaliex din il-parti tat-triq tant hija ffrekwentata, tinsab fi stat ħażin.

104.3.9 Ħruġ ta' etenders dwar konkos, pavè u tarmak. Is-Sindku ppropona u l-Kunsill qabel sabiex jibdew il-preparazzjoni sabiex dawn it-tenders joħorġu skont proċeduri stabbiliti u b'hekk il-Kunsill ikollu l-għażla tal-fornituri meta jkun sejjer jista' jibda diversi xogħlijiet fit-toroq fil-qalba tar-raħal.

104.3.10 Laqgħa mas-Sa. Marisa Pisani – Direttur tal-Gvern Lokali (Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy). Is-Sindku qal li kellu laqgħa fejn ġie diskuss

diversi oqsma fejn il-Kunsill jipproponi li jkollu għajnuna mid-DLG u l-Gvern Ċentrali jaħdmu mal-Kunsill u jingħataw fondi speċifiċi għall-ħtiġijiet tal-Kunsill u tar-residenti.

Is-Sindku qal li waqt din il-laqgħa huwa saħaq dwar il-ħtieġa li l-Kunsill ikollu l-bini adekwat għall-amministrazzjoni u laqgħat tiegħu tal-Kunsill ikunu aċċessibbli u li joffri aċċess u sigurtà għall-komunità speċjalment l-anzjani li jkunu jridu jiġu għal xi servizz mingħand il-Kunsill.

**104.4.0 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

104.4.1 Il-mistoqsijiet ġew imwieġba taħt is-sezzjoni 'Rapporti' u f'partijiet oħra f'dawn l-istess minuti.

**104.5.0 Rapporti**

104.5.1 Romeo Baldacchino (Viċi Sindku)

a. Preżentazzjoni ta' apprezzament u tifkira lill-Kunsilliera. Is-Sur Baldacchino qal li jkun xieraq li bħalma qed jagħmlu Kunsilli oħra fl-għeluq mill-25 sena mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali, il-Kunsill jiċċelebra dan billi jagħti tifkira ta' apprezzament lill-Kunsilliera kollha li servew u li qed iservu fil-Kunsill.

Il-Kunsill, filwaqt li qabel dwar dan, qabel ukoll li dawn it-tifkiriet jingħataw ukoll lill-qraba u l-familjari ta' dawk l-ekskunsilliera s-Sa Maria Concetta Seguna u s-Sur Lorenzo Schembri li marru għall-ħajja ta' dejjem. Dawn it-tifkiriet għandhom jingħataw f'Jum il-Gudja 2018 fil-15 ta' Lulju 2018 fl-għeluq tal-programm.

b. Dawl madwar l-istatwa ta' San Ġużepp u l-istatwa tas-Salib fil-pjazza. Is-Sur Baldacchino fakkar dwar dak li dwaru kien qabel il-Kunsill u talab li dan id-dawl isir fl-aqsar żmien possibbli.

c. Ġnien Raymond Caruana. Is-Sur Baldacchino qal li kien infurmat mill-Perit Anne Casha li qed isiru testijiet dwar id-dawl ġo dan il-Ġnien. Is-Sur Baldacchino li issa li reġa' beda l-interess fir-riġenerazzjoni ta' dan il-ġnien, il-Kunsill qed jara li x-xogħol ikompli b'ritmu kemm jista' jkun mgħaġġel peress li hemm bżonn urġenti li jsiru x-xogħlijiet.

d. Xogħol ta' riġenerazzjoni u dawl fil-*playing field* ħdejn il-grawnd tal-football. Is-Sur Baldacchino qal li hemm bżonn urġenti dwar xogħlijiet speċjalment dawl peress li dawn l-inħawi mudlama qed ikun kawża t'abbuż.

Il-Kunsill approva li jitlob lill-kuntrattur, Nexos, sabiex jagħmel preżentazzjoni lill-Kunsill dwar dak meħtieġ u li għandu jagħmel dan malajr kemm jista' jkun.

e. *Dustbins* addattati fil-pjazza. Is-Sur Baldacchino qal li minkejja kien tal-fehma li SR Environment kellhom fl-istokk 2 *dustbins* kif kien diġà maqbul mal-Kunsill fil-fatt il-Kunsill ġie mitlub li jagħmel ordni ta' 4. Dan ma kienx aċċettat u għalhekk il-Kunsill kellu jfittex fornitur ieħor.

Fil-fatt is-Sur Baldacchino ppreżenta dokumentazzjoni dwar 2 *dustbins* minn fornitur ieħor u li jidhru li dawn iż-żewġ *dustbins* jixirqu tajjeb bħala l-għamara għall-pjazza biswit iz-zuntier tal-knisja.

Saret diskussjoni u l-Kunsill iddeċieda li jinxtraw 2 *bins* għas-somma ta' madwar €470 kull wieħed u bil-VAT u bit-twaħħil kollu fuq il-post kif indikat mill-Kunsill.

f. *Dustbin* ħdejn it-*toilet* tal-venda. Is-Sur Baldacchino qal li dan id-*dustbin* huwa żgħir u għalhekk stqarr li għandu jinbidel għal wieħed akbar peress li qed ikun imfawwar fi ftit ħin.

Il-Kunsill qabel u approva dwar dak li qal il-Viċi Sindku s-Sur Baldacchino.

104.5.2 Mark Anthony Sammut (Kunsillier)

a. Programm ta' Jum il-Gudja 2018. Is-Sur Sammut qal li flimkien mal-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ kienu se jtellgħu programm bl-isem 'Terramaxka – nhar l-Erbgħa 11 ta' Lulju 2018 fis-7.00pm fit-teatru Grieg fi Ġnien R. Caruana.

   Dan il-programm – Isma' u Aqta' huwa f'forma ta' kompetizzjoni dwar diski Maltin u mistenni li jiġbed in-nies kemm żgħażagħ u adulti ta' kull età.

b. Attivitajiet sportivi mill-Kunsill Lokali tal-Gudja – rikonoxximent mill-Maltese Olympic Committee. Is-Sur Sammut informa lill-Kunsill dwar ċertifikat li ngħata lill-Kunsill bħala rikonoxximent u apprezzament tal-ħidma tal-Kunsill fil-qasam sportiv.

   Is-Sur Sammut qal li huwa jinsab ukoll impenjat sabiex il-Kunsill ikollu l-programm sportivi u ta' edukazzjoni fiżika li fih jipparteċipaw ir-residenti tal-Gudja sabiex fil-Gudja tiġi promossa saħħa aħjar permezz tal-isports fid-diversi oqsma tiegħu. Dan iċ-ċertifikat –Sports Awards 2017 sejjer jinżamm fir-rekords tal-Kunsill.

c. Pendenza mal-ARMS/Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar kont/pagament ta' €4750.00 dwar Ġnien Xlejli. Is-Sur Sammut staqsa dwar dan il-kont li nofsu tħallset mid-DLG meta naqqas l-allokazzjoni tal-fondi tal-Kunsill meta fil-fatt il-Kunsill kien irrifjuta mill-ewwel dwar dan il-kont li ġie maqlub f'isem il-Kunsill mingħajr ebda preavviż u meta fil-fatt dan il-ġnien jew xi parti minnu ma hija devoluta għand il-Kunsill.

   Is-Sindku wieġeb li d-dawl issa qiegħed fuq is-sistema ta' *street lighting* u l-Kunsill s'issa mhux qed jirċievi aktar kontijiet.

Dwar il-pagament li għamel id-DLG, il-Kunsill sar jaf li qiegħda ssir teżi għal MA Degree dwar kif u meta d-DLG jista' jeżerċita l-poter tiegħu li jagħmel ħlas meta Kunsill ikun naqas mill-obbligu tiegħu li jagħmel dan.

Il-Kunsill ġie wkoll infurmat illi minkejja d-diversi rappreżentazzjonijiet tal-Kunsill kemm ma' DLG kif ukoll mas-Segretarju Parlamentari s-Sur Parnis dwar dak li seħħ. Il-Kunsill għadu ma rċieva ebda risposta pożittiva.

Il-Kunsill qabel li jerġa' jagħmel ir-rappreżentazzjonijiet u t-talbiet tiegħu sabiex dawn il-fondi ta' €4750.00 jiġu lura għand il-Kunsill mid-DLG u li tiġi rtirata kull talba għal ħlas peress li l-Kunsill iħoss li dak li seħħ qatt ma kellu jsir fil-konfront kontra l-Kunsill.

104.5.3 George Fenech (Kunsillier)

a. Ġejna agrediti. Is-Sur Fenech beda billi stqarr li kien jaħseb li kien ikun floku li kieku fil-komunikazzjoni tiegħu s-Sindku kien isemmi l-każ dwar dak li seħħ meta nhar is-06 ta' Ġunju 2018 huwa (is-Sur Fenech), il-Kunsillier is-Sur Caruana kif ukoll is-Sur Bertram Portelli marru fil-Librerija G. Zammit (librerija pubblika tal-Gudja kif amministrata u li taqa' taħt ir-responsabiltà tal-Kunsill) sabiex issir laqgħa dwar l-inawgurazzjoni tal-ktieb – Omm ta' Bosta Wlied II, liema laqgħa ma setetx isseħħ minħabba li kemm huwa (is-Sur Fenech) kif ukoll is-Sur Caruana u s-Sur Portelli ġew agrediti, insulentati u mhedda minn persuna ġewwa l-librerija.

Is-Sur Fenech stqarr li l-fatti kif ġraw huwa (is-Sur Fenech) kien kitibhom f'imejl li huwa kien bagħat lill-Kunsill dakinhar stess u li huwa ċert li s-Sindku ġie mgħarraf bil-kontenut ta' din l-imejl.

Is-Sur Fenech qal li dwar dak li seħħ huwa qed jipprotesta bi sħiħ u li sejjer ikompli jipprotesta peress li dan il-bniedem li agreddixa liż-żewġ kunsilliera u persuna oħra qal li kien fil-librerija b'kull dritt għax dan kellu l-approvazzjoni tas-Sindku. Is-Sur Fenech stqarr li huma qatt ma kellhom jiġu mfixkla u agrediti meta jkunu jaħdmu f'isem il-Kunsill u ġo bini taħt ir-responsabiltà tal-Kunsill.

Is-Sur Fenech stqarr li s-Sindku ċaħad dan, imma huwa (is-Sindku) ma għamel ebda stqarrija u ma ħa ebda passi kif kien mistenni li jagħmel, kontra din il-persuna.

Is-Sur Fenech qal li fiċ-ċirkustanzi huwa kien qed jitlob l-protezzjoni fuq il-persuni diġà msemmija aktar 'il fuq li ġew agrediti, fuq il-kunsilliera kollha u l-ħaddiema tal-Kunsill u kull min jagħmel użu ta' din l-librerija pubblika. Is-Sur Fenech qal li qed jinsisti dwar din il-protezzjoni peress li s-Sindku stqarr li din il-persuna li konsistentement tkun il-librerija jidher li huwa instabbli u li huwa (is-Sindku) għandu dubji li jista' jkun armat.

Il-Kunsill b'mod unanimu qabel u ddeċieda li jitlob lill-Pulizija rapport dwar dak li għamel il-Pulizija fuq dak li seħħ fis-06 ta' Ġunju 2018 u li titlob li din il-persuna li agredixxiet liż-żewġ kunsilliera tiġi kkonsidrata bħala persuna non grata li ma titħalliex tkompli tkun il-librerija.

b. Laqgħa mal-Planning Authority fil-11 ta' Mejju 2018. Is-Sur Fenech qal li waqt din il-laqgħa huwa flimkien mas-Sindku u uffiċjal tal-Kunsill, talab aktar għajnuna mill-fondi tal-kumpens kif dovuti mill-MIA dwar l-iżvilupp maħsub li jista' b'mod jew ieħor jaffettwa lil ben essere tal-Gudja u tar-residenti.

Is-Sur Fenech stqarr li s-CEO tal-PA kkonfronta lilna billi stqarr li ż-żmien tal-oġġezzjoni dwar ta' kif għandu joġġezzjona l-Kunsill dwar kif sejjer jitqassam dan il-planning gain issa kien għalaq u l-Kunsill ma kienx għarraf jisfrutta dan il-perjodu.

Is-Sur Fenech qal li fil-verità l-Kunsill ma kellu l-ebda possibilità li jappella għaliex fil-verità l-PA kienet qed tirrikonoxxi biss lir-raħal ta' Ħal Luqa għaliex kien biss is-Sindku ta' Ħal Luqa li kien fuq il-bord tal-PA meta ttieħdet din id-deċiżjoni.

Is-Sur Fenech fakkar lill-PA li meta fil-passat il-Kunsill tal-Gudja kien talab għall-fondi tal-UIF meta nbena SkyPark, il-Kunsill ġie magħruf li l-MIA għandha biżżejjed parkeġġ u li ma kienx hemm għalhekk lok li jintalbu fondi għall-UIF.

Waqt din il-laqgħa li seħħet fil-11 ta' Mejju 2018 il-Perit Cassar ma wieġeb xejn dwar dak li ntqal min-naħa tal-Kunsill dwar in-nuqqas ta' UIF jew planning gain meta nbena SkyPark mill-MIA.

Is-Sur Fenech qal li issa l-PA tat parir sabiex il-Kunsill jelenka xi ħsibijiet ta' xi proġetti li jagħmel il-Kunsill li jista' jtaffu l-problemi li qed niltaqgħu magħhom bħalma huwa l-problemi tal-parkeġġ sabiex il-PA tkun tista' tgħin direttament finanzjarjament.

c. Akkwist ta' art fi Vjal it-Torri maħsuba tilqa' fiha l-bini ta' ċentru ċiviku li jkun jinkludi wkoll l-uffiċini tal-Kunsill Lokali. Is-Sur Fenech staqsa dwar dan. Is-Sindku wieġeb li ma kien hemm ebda ċaqliq.

Is-Sur Fenech fakkar li din kienet wegħda pubblika u issa li dalwaqt tasal l-elezzjoni tal-Kunsill, dan jista' jwassal lil-pubbliku jitlef il-fiduċja fil-ħidma u l-aspirazzjoni tal-Kunsill.

d. Tinxtara xi proprjetà fil-Gudja sabiex il-Kunsill ikun jista' jirriġenera din il-proprjetà fil-bini amministrattiv tal-Kunsill. Is-Sur Fenech stqarr li peress li ma jidhirx li hemm possibilità kbira li l-Kunsill jakkwista u jiżviluppa l-art imsemmija aktar 'il fuq, il-Kunsill għandu jesplora l-possibilità li tinxtara xi dar ġewwa l-Gudja li tkun kbira biżżejjed biex taqdi tali bżonnijiet tal-Kunsill fil-ħidma amministrattiva tiegħu u jaqdi l-pubbliku u b'aċċess kif meħtieġ.

Is-Sur Fenech għamel suġġeriment li l-Kunsill jikkonsidera l-akkwist ta' dar li kienet tinsab għal bejgħ permezz tal-midja soċjali għall-prezz ta' €390,000 li tidher li fiha kmamar biżżejjed biex taqdi l-bżonnijiet tal-Kunsill. Is-Sur Fenech qal li fil-qagħda li jinsab fiha l-Kunsill ikun ferm għaqli li l-Kunsill jinvesti fi proprjetà diġà lesta għaliex għalkemm ikun hemm xi spejjeż li jsiru xi modifiki kull spiża u l-investiment maħsub tkun ferm anqas mill-ispiża ta' €600000/€700000 kif maħsuba meta l-Kunsill ikun qed jakkwista u jiżviluppa l-art fuq diġà msemmija għall-bini tal-Kunsill.

Hawn is-Sindku oġġezzjona għal tali xiri għax qal li ma jridx li l-Kunsill jintriga b'bini qadim.

e. Ġbir ta' skart domestiku. Is-Sur Fenech talab sabiex il-Kunsill jieħu azzjoni xierqa u leġittima peress li l-kuntrattur baqa' jinjora t-talbiet biex niltaqgħu miegħu u qiegħed ifalli ferm u kontinwament fuq xogħlu. Is-Sur Fenech talab li dan il-kuntrattur għandu jiġi rrappurtat lir-Reġjun ħalli dan mhux biss jinqatagħulu l-ħlasijiet imma jitwaqfulu l-kuntratt u jiġi *black listed* ħalli ma jingħatax aktar tenders minn Kunsilli Lokali oħrajn.

Saret diskussjoni u sar qbil li l-Kunsill iddeċieda li tinqata' 10% tal-pagament dovut lilu u tingħata twissija li l-Kunsill sejjer jaġixxi li jimponi dawk il-penalitajiet skont il-kuntratt jekk il-kuntrattur ikompli jonqos li josserva l-obbligazzjonijiet tiegħu skont il-kuntratt eżistenti.

104.5.4 Sara Camilleri (Ambaxxatriċi)

a. Ġnien taż-Żgħażagħ. Sa. Camilleri stqarret li f'isem il-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ xtaqet tirringrazzja lill-Kunsill għall-koperazzjoni tiegħu li dan il-proġett jittella' b'suċċess. Sa. Camilleri qalet li hemm il-ħtieġa li jitwaħħlu tabelli dwar BBQs, logħob bil-ballun u li ma jidħlux annimali li jistgħu iħammġu l-post mhux permess.

Sa. Camilleri qalet li tkun ħaġa tajba li biswit l-entratura titpoġġa bin sabiex jintefa' fiha ħmieġ tal-klieb sabiex dawn l-inħawi kif ukoll il-Ġnien jinżamm tajjeb kif jixraq u jitgawda sewwa.

Sa. Camilleri talbet ukoll li jkun hemm dawl f'dan il-lok. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill ikun kostrett li jimxi skont il-prijorità u l-ħtieġa skont il-mertu tal-każ. Is-Sindku qal li sejjer jara dwar it-talba għal dawl skont kif in-nefqa u l-fondi disponibbli tal-Kunsill.

Dwar il-bin għal ħmieġ tal-klieb u t-tabelli, fil-fatt dawn diġà ġew ordnati u wieħed jittama li jkunu fil-post fl-aqsar żmien possibbli.

**104.6.0 Pubblikazzjoni tal-ktieb 'Omm ta' Bosta Wlied 2'**

104.6.1 Is-Sur Fenech qal li t-tnedija tal-kiteb se jsir nhar it-Tlieta 10 ta' Lulju 2018 fit-teatru Grieg fi Ġnien R. Caruana fis-7pm.

**104.7.0 Monument tal-Gudja – progress**

104.7.1 Is-Sur Fenech qal li kien qed jaħdem dwar dan bil-għan li jitlesta abbozz (fi tpinġija) li għandu jerġa' jiġi ppreżentat għall-konsiderazzjoni tal-Kunsill. Is-Sur Fenech stqarr li preferibilment il-Kunsill jippromwovi l-bini tal-monument f'ġieħ il-Gudja għas-sena d-dieħla fl-għeluq tal-25 sena mit-twaqqif tal-Kunsill Lokali tal-Gudja.

**104.8.0 *Bye-law* dwar il-parkeġġ ġewwa l-Gudja - progress**

104.8.1 Il-Kunsill ġie infurmat li kopja tal-abbozz tal-bye-law kienu bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż tinsab lesta għad-diskussjoni tal-pubbliku skont kif meħtieġ fil-proċedura stabbilita.

Il-Kunsill ġie wkoll infurmat li saru l-avviżi fil-gazzetti ta' kuljum u fil-Gazzetta tal-Gvern fit-terminu stipulat skont il-proċedura stabbilita. Għalhekk nhar it-Tlieta 03 ta' Lulu 2018 fis-6pm din il-bye-law sejra tiġi diskussa waqt seduta tal-Kunsill imsejħa speċjali għal dan il-għan.

Il-pubbliku huwa mistieden. Din is-seduta sejra wkoll tiġi tranżmessa fuq il-midja soċjali permess tal-*live streaming* tal-Kunsill.

**104.9.0 Fondi – Miżura 4.3 – toroq rurali**

104.9.1 Din it-tema diġà ġiet konsidrata u trattata skont kif jingħad aktar 'il quddiem f'dawn l-istess minuti.

Il-Kunsill ġie wkoll infurmat illi dan l-aħħar ġranet il-Kunsill irċieva rapport mingħand il-WSC datat 27 ta' Frar 2018 dwar il-ħtieġa ta' servizzi fi Triq tal-Lampat liema somma tlaħħaq għal €21715.42 għal xogħlijiet ta' trinek għal-mejnijiet tal-ilma u stima oħra ta' €4721.20 għal xogħol mill-WSC liema somma se tingħata lill-Kunsill mill-WSC.

Ġie deċiż li l-Kunsill jagħmel ir-rappreżentazzjonijiet tiegħu mal-WSC dwar dawn ix-xogħlijiet kif ukoll mal-Managing Authority sabiex dawn ix-xogħlijiet ma jiġux finanzjati mill-Kunsill peress li ma kienx maħsub fil-Bill of Quantity meta l-Kunsill għamel l-applikazzjoni tiegħu għal-fondi taħt din il-miżura 4.3.

Il-Kunsill qabel li jitlob l-għajnuna tal-Quantity Sureyor is-Sur Kevin Borg sabiex tiġi trattata din l-materja fl-aħjar interess tal-Kunsill u li ma jkunx hemm tfixkil li jista' jkun ta' preġudizzju għat-twettiq tal-istess proġett li għandu jkun komplut fl-aspetti kollha tiegħu sal-aħħar ta' Novembru 2018.

**104.10.0 Bicycle Rack**

104.10.1 Il-Kunsill ħa konjizzjoni ta' dak li kiteb is-Sur Alan Camilleri tan-NextBike fejn wera li d-dewmien tal-Kunsill li jittratta din il-materja kien ġej minħabba li l-istess Alan Camilleri ma kienx wieġeb għad-diversi sejħiet u kuntatti tal-Kunsill.

Il-Kunsill innota b'sodisfazzjon li s-Sur Camilleri informa b'dan ukoll lill-lis-Sur Karl Anthony Borg permezz ta' imejl kopja lill-Kunsill.

Il-Kunsill reġa' tenna l-impenn tiegħu li jkollu dawn il-bicycle racks ġewwa l-Gudja.

Il-Kunsill qabel li jissuġġerixxi 3 postijiet; wieħed qrib Ġnien R. Caruana u l-iskola primarja, ieħor qrib Ġnien G Cassar u l-ieħor fl-inħawi tal-Housing Estate tal-Mitħna.

Il-Kunsill qabel li jiġi infurmat dar l-eżitu tal-laqgħa mas-Sur Camilleri sabiex ikun jista' jieħu d-deċiżjonijiet meħtieġa dwar il-finanzjament sabiex dan il-proġett jiġi fis-seħħ fl-aqsar żmien possibbli

104.11.0 Jum il-Gudja 2018 – programm

104.11.1 Din it-tema diġà ġiet konsidrata u approvata kif jidher aktar 'il quddiem f'dawn l-istess minuti.

Dwar il-parteċipazzjoni taż-żewġ baned għal Jum il-Gudja fil-15 ta' Lulju 2018, il-Kunsill iddeċieda illi peress li l-Quddiesa u tqegħid tal-fjuri fuq il-monument tal-Vittmi tal-Gwerra sejjer isir filgħodu, din is-sena mhux sejjer ikun hemm l-involviment u l-parteċipazzjoni tal-*mass band*.

**104.11.0 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

104.11.1 Il-Kunsill approva l-lista ta' pagamenti nru 57/7 hekk kif ippreżentata u pproponuta mill-Viċi Sindku R. Baldacchino u ssekondata mis-Sur MA Sammut għall-ammont totali ta' €13876.33 u dan sar b'riserva dwar il-pagament ta' Bryden Azzopardi. Dan il-kont hekk preżentat għandu jitnaqqas b'10% peress li minkejja li l-istess kuntrattur ġie mwissi dwar diversi nuqqasijiet dan baqa' jonqos milli jagħti s-servizz kif meħtieġ u l-Kunsill qabel li sitwazzjoni bħal din ma tistax tibqa' għaddejja għax hija ta' preġudizzju għall-interess tal-Kunsill kif ukoll li l-ilmenti tar-residenti għandhom ikollhom widen u tittieħed azzjoni.

Jekk is-sitwazzjoni ma tittranġax il-Kunsill ikun kostrett li jieħu passi oħra skont kif kontemplat fil-kuntratt dwar isservizz ta' ġbir ta' skart domestiku li hemm prevalenti bejn il-Kunsill u l-kuntrattur Bryden Azzopardi.

Ġie nnutat ukoll illi l-kuntrattur tal-knis kien għadu ma ppreżentax il-kont lill-Kunsill.

Il-Kunsill ħa nota illi għalkemm kien hemm titjib il-qagħda tat-tindif tat-toroq għad fadal ħafna xi jsir u huwa meħtieġ li jkun hemm pressjoni fuq il-kuntrattur li x-xogħol tal-knis ikun fuq l-iskeda kif maqbul bejn il-kuntrattur u l-Kunsill.

Din l-iskeda ta' pagamenti ġiet ukoll iffirmata mill-Kunsilliera kollha preżenti.

**104.13.0 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

104.13.1 Ġbir tal-kartun. Il-Kunsill ħa konjizzjoni li dan il-ġbir mhux qed isir b'mod sistematiku u għalhekk talab laqgħa mal-GreenPak sabiex jittratta din il-materja.

Il-Kunsill innota ukoll illi ta' spiss ikun hemm kaxxi tal-kartun mifruxin u mxerdin fit-toroq u għalhekk ġie wkoll deċiż li l-Kunsill jibgħat ittra lill tal-ħwienet u każini li jistgħu jkollhom dan il-materjal, sabiex jew jagħmlu arranġamenti dwar kif jiddisponu minn dan il-kartun jew joħorġuh biss nhar ta' Tlieta meta tinġabar il-borża l-ħadra.

104.13.2 Pagament dwar trasport kif miftiehem. Il-Kunsill għamel referenza għat-talba ta' Meli Car Rentals skont invoice 153376 u stqarr li peress li servizz minnhom ma ngħatax u dan kif intqal f'laqgħat preċedenti tal-Kunsill, il-Kunsill kien dispost iħallas biss €60.00 mhux €120 kif mitlub. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa' jgħarraf b'dan lil Meli Car Rentals u wara l-Kunsill jagħmel pagament ta' €60.00 skont il-proċedura stabbilita.

104.13.3 Peress li t-temi kollha fuq l-aġenda ġew eżawriti, is-Sindku għalaq il-laqgħa fit-8.10pm. Is-Sindku aġġorna l-laqgħa għat-Tlieta 24 ta' Lulju 2018 fis-6.00pm fuq aġenda li tiġi ċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum ________________________

John Mary Calleja
Sindku

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv